-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 3

[Nhar it-Tlieta 27 ta' Awissu 2019]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Alexander Zammit – Kunsillier
Ian Buhagiar – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier
Shaun Farrugia – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jessica Borg – Kunsilliera

### ASSENTI

N/A

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

3.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kunsilliera Jessica Borg mhix se tattendi minħabba li kella impenji oħra. Kienet skuzata mis-Sindku u mis-Segretarju biex tkun tista tattendi għall-appuntament tagħha.

## 3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

3.2.1 B'referenza għal punt 3.3.6, is-Sindku kkonferma li saret l-appell f'isem il-Kunsill. Fuq dan il-punt il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi kien issekonda s-Sindku u ma jaqbilx illi ssir pompa tal-petrol fil-ġnien, izda talab illi l-kunsilliera jirċievu l-informazzjoni kollha meħtieġa ħalli jkunu informati f'kaz illi r-residenti jitolbu informazzjoni mingħandom.
Il-kunsillier Alexander Zammit staqsa x'se jsir flok il-pompa eżiżtenti u jekk se titwessa t-triq. Is-Sindku qal illi hemm il-pjan biex titwessa t-triq izda qiegħed jiddiskuti li din ma tiġrix.

3.2.2 B'referenza għal punt 3.6.3 is-Segretarju Eżekuttiv talab lista tal-areas fejn hemm bzonn bins, ħalli nkunu f'pożizzjoni aħhar biex naraw x'tip ta' bins hemm bzonn.

3.2.3 Il-kunsillier Alexander Zammit ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti tal-laqgħa Nos 3. Il-kunsillier Hugh Caruana ssekondaħ.

## 3.3 Korrespondenza mas-Sindku

3.3.1 Un/Loading Bay triq Belvedere: Kumpanija ta' kostruzzjoni għamlu talba biex jieħdu tlett postijiet ta' parkeġġ bħala Un/Loading Bay għax-xogħolijiet tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li kien għamel kuntatt mall-kumpanija li għandom bzonn jibagħtu block plan u talba lil Transport Malta. Qal ukoll illi dawn il-bays ġeneralment ikunu 8 metri u b'hekk jieħdu massimu ta' 2 postijiet ta' parkeġġ u mhux tlieta. Qal illi dawn qegħdin jitolbu l-użu tal-parking bejn is-7am u 4pm izda għandom jimxu mall-ħinijiet tal-permessi tagħna. Il-Kunsill qabel.

3.3.2 Staff: Kien hemm qbil illi jkun hemm sejha interna ghal E.O. Is-Segretarju Ezekuttiv qal hemm impjegat kurrenti li se jkun eleġġibli f'Settembru. Kien hemm qbil unanimu.

**Il-kunsillier Shaun Farrugia daħal għal-laqgħa fis-6.05pm**

3.3.3 Vertical Green Walls: Saret talba minn impjegat tal-Kunsill li ħa ħsieb ix-xogħol ta' tisbieħ tal-Kunsill matul l-aħħar sena, biex isir Green Wall fl-uffiċini. Is-Sindku ppropna li nġibu biċċa bil-'moss' u naraw kif imorru. Kien hemm qbil mas-suġġeriment.

3.3.4 Deputat Segretarju Eżekuttiv: Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni il-ħsieb illi impjegat tal-Kunsill li jaqa taħt Skala 10 isir id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kif issa tista ssir skond ir-Riforma. Is-Sindku ppropona l-idea u s-sur Alexander Zammit issekondaħ.

## 3.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

3.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija mill-kunsillieri qabel il-laqgħa.

## 3.5 Rapporti

3.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapport

## 3.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

3.6.1 App: Għal ħabta tas-6.25pm is-Sindku qal illi għamel talba lil kuntrattur li jieħu ħsieb Apps u Websites biex jiġi jagħti presentazzjoni tal-idea biex ikollna App u Website moderna biex inkunu izjed effettivi fil-mod illi nirċievu u nieħdu ħsieb ilmenti. Il-kuntrattur daħal fil-kamra u ta presentazzjoni dwar kif għanda taħdem. Qal illi l-ewwel hemm bzonn illi titlesta l-website qabel ma jkun jista jammalgama l-App magħha.

**Il-kunsillier Jeremy Cardona talab illi jkun skużat għal ħabta ta' 7.05pm. Kien skuzat wara li kien għaraf lis-Segretarju Eżekuttiv qabel il-laqgħa għar-raġunijiet għalfejn kellu jitlaq.**

Għal ħabta ta' 7.20pm il-kuntrattur irringrazzja lil Kunsill għal ħin tagħhom u telaq. Il-Kunsill iddisukuta l-idea fejn qablu mall-kunċett.

3.6.2 Ħamiem: Is-Sindku qal illi fil-laqgħa tar-Reġjun tkellmu fuq il-problema fejn ġie diskuss il-ħsieb illi nirċievu rapport minn tabib lil tintbagħat lil pulizija wkoll ħalli joħorġu permess biex inkomplu bil-prassi li sar fil-passat.

3.6.3 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi hemm bzonn illi l-bins jintbagħtlu izjed spiss. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi skont il-kuntratt għandom jintbagħtlu darba kuljum. Ġie diskuss il-possibilita li ċerti toroq, speċjalment in-naħa tax-Xatt, jintbagħtlu izjed spiss.

3.6.4 Is-Sindku qal illi s-sala ta' triq San Albert se tibda tintuza bħala berġa f'Novembru meta se jibdew xogħolijiet fuq il-PoliClinic. Qal illi l-aħjar illi ssir xogħol ta' tisbieħ tal-Pjazza fl-istess ħin. Il-Viċi Sindku qal illi hemm Tower Crane u dik se tkun problema. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dik kellha tibqa hemm għal xi sena u fl-istess ħin jekk se jsiru xogħolijiet dawn għandom ikunu skont permess, li talli permess qatt m'applikajna għalhiex hemm bzonn ta' l-idea l-ewwel.

4.6.5 Il-kunsillier Neville Chetcuti fakkar illi hemm bzonn illi jsiru l-markings ta' Gzira road. Zied illi hemm bzonn isir refreshing taz-zebra crossing ta' Rue D'Argens. Fuq Gzira road is-Segretarju Eżekuttiv qal

illi suppost jieħdu ħsieb Infrastructure Malta imma naraw illi ssir u nirranġaw magħhom. Rigward ta' Rue D'Argens fakkar illi għamilna t-thermoplastic izda x-xogħol sar għal xejn.

3.6.6 Il-kunsillier Hugh Caruana staqsa jekk possibli nagħmlu RESERVED parking ix-Xatt. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn il-parkeġġi għandom ikunu approvati minn naħa ta' TM wara li jirċievu approvazzjoni minn speċjalista u ma jsirux mill-Kunsill.

3.6.7 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi hemm bzonn illi jitneħħew il-postijiet ta' parkeġġ illi hemm Gzira road fejn Stadium str.

3.6.8 Il-Viċi Sindku staqsa jekk possibli nagħtu permess lil hawker biex jidħol ibiegħ prodotti ġewwa Manoel Island. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi aħna ma nagħtux permessi lil hawkers u m'għandna l-ebda dritt ngħidu lil persuna tidħol hemm u ħaddieħor le. Is-Sindku qal illi minn dejjem kien hemm qbil illi karozzi ma jidħlux ġewwa Manoel Island anqas. Il-kunsillier Shaun Farrugia qal illi jekk tħalli lil wieħed jidħol ibiegħ, trid tħalli lil kulħadd.

3.6.9 Il-kunsillier Shaun Farrugia staqsa x'azzjoni se tittieħed kontra il-business li tħalli muturi mingħajr liċenzji barra fit-triq ġewwa Sliema rd u triq Luqa Briffa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi saru ħafna rapporti u anka provi li ħarġu multi kellu. Fl-istess ħin ura ammont ta' ilmenti li kienu intbagħtu lil TM anka sas-sena l-oħra. Il-Kunsill se jkompli jieħu l-passi.

3.6.10 Il-kunsillier Alexander Zammit ta informazzjoni dwar Universal Childrens Day fejn qal illi żiedna attivita li tiffoka fuq l-annimali ħalli jkun hemm attivitajiet għal erbgħa t'ijiem sħaħ. Il-Kunsill qabel.

## 3.7 Mozzjoni

3.7.1 Il-kunsillier Alexander Zammit ressaq mozzjoni, annessa mad-dokumenti, fejn spjega l-irwol tal-LEAP u l-ħsieb illi jsiru MoU's magħhom biex inkomplu nagħmlu outreach programs fil-komunita. Il-mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku. Il-Kunsill qabel.

## 3.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

3.8.1 Il-Viċi Sindku ppropona li niffirmaw l-iskeda tal-pagamenti. Il-kunsillier Aalexander Zammit ssekondah. Il-Kunsill qabel.

## 3.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

3.9.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għall-1 ta' Ottubru 2019 fil-5.30pm

Konfermati, illum il-Tlieta 1 ta’ Ottubru 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |